MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Frar, 2001

Avviz Numru. 1316/1998/1

**Avviz Nru:- 1316/98**

**Carmelo Tabone**

**Vs**

**Catherine sive Katy Vassallo mart Mario u l-istess ghal kull interess illi jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu, jew min minnhom, lill-attur is-somma ta' Lm374.39 (tlett mija u erbgha u sebghin lira maltin u disgha u tletin centezmi) jew ammont verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti rapprezentanti danni subiti mill-istess attur fil-vettura tieghu Datsun Stanza (IAI 093) meta kienet involuta f'incident stradali mal-vettura Seat Marbella (V-6781) li kienet misjuqa mill-konvenuta liema incident sehh fit-13 t'Awissu, 1997 gewwa Triq Fawwara, Santa Venera fis-

1.00p.m. liema incident sehh unikament tort u htija tas-sewqan traskurat, negligenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku tal-istess konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra bonarja tat-13 t’Ottubru, 1997 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 995/98(NS) tas-27 ta’ Mejju, 1998 u l-imghax legali kontra l-konvenuti, li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta’ dan l-Avviz ma garax tort tal-konvenuta, izda gara unikament tort u htija tal-attur, Carmelo Tabone, u s-sewwieq tal-vettura numru IAI 093, li naqas milli josserva r-Regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta’ danni, liema danni f’kwalunkwe kaz huma esagerati.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-4 t’Ottubru 2000 fejn il-konvenuta, debitament assistita, tiddikjara li m’ghandix kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni izda biss dwar ir-responsabilta’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kaz; u

Ikkunsidrat:-

Illi waqt li l-attur jallega li l-konvenuta irriversjat ghal go fih waqt li kien kwazi wieqaf wara vettura ohra, il-konvenuta issostni li, ghalkemm kienet effettivament qed tindjetreggja, kien l-attur li dahal hazin fi Triq Fawwara

minn Triq il-Ward billi qata’ il-kurva u zamm wisq mal-lemin u b’hekk imblokka il-passagg taghha.

Evidentement kien obbligu principali tal-konvenuta li tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji stante li ghazlet li ssuq b’mod mhux konvenzjonali li jippregudikaha kemm fil-kontroll tal-vettura kif ukoll fid-dover “to keep a proper look out’:, in fatti hija stess tallega li hasset il-bzonn li ddoqq il-horn evidentement biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta’ viswali.

Mill-mod kif gew murija l-vetturi fl-isketch, ghalkemm jista jirrizulta li l-attur effettivament qata l-kurva xi ftit meta dahal go Triq Fawwara, il-kawza tal-kollizzjoni ma kienetx xi manuvra tal-attur izda il-manuvra tal-konvenuta li, mhux biss riedet tohrog b’lura go ‘junction’, izda, presumibilment ghaliex riedet tipprocedi minn fejn kien gej l-attur, dejjem b’lura, ghaddiet biex tipprepara l-vettura taghha b’quddiem fid-direzzjoni intiza.

Ghalhekk spostat il-vettura taghha b’iktar minn 2.2 metri mill-vertikali biex ostakolat il-passagg tal-attur. Ghalkemm tallega li dan l-ispostament kien dovut ghall-iskontru dan ma jirrizultax li huwa verosimili stante l-habta leggera bejn il-vetturi.

Ghaldaqstant issib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizzjoni ‘de quo’ u konsegwentement tikkundannaha li thallas lill-attur id-danni rizultanti fis-somma accettata ta Lm374.39.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm374.39 (tlett mija u erbgha u sebghin lira maltin u disgha u tletin centezmu) li qed tigi likwidata minn dina l-Qorti rappresentanti danni subiti mill-istess attur fil-vettura tieghu Datsun Stanza (IAI 093) meta kienet involuta f’incident stradali mal-vettura Seat Marbella (V-6781) li kienet misjuqa mill-konvenuta, liema incident sehh fit-13 t’Awissu, 1997 gewwa Triq Fawwara, Santa Venera fis-1.00p.m. u li sehh unikament tort u htija tas-sewqan

traskurat, negligenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku tal-istess konvenuta. Bl-imghax legali b'effett millum.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------